MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2014

Numru. 95/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Victoria Sciortino**

Numru 95/2014

Illum 2 ta' Settembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputata **Victoria Sciortino**, ta' tnejn u erbghin (42) sena, bint Victor Attard u Lorraine nee' Franklin, imwielda Pieta, Malta, fil-30 ta' Dicembru 1971, u residenti 9, Triq

San Pawl, Ghaxaq, Malta, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 81372(M) li giet akkuzata talli nhar l-1 ta' Settembru 2014, ghall-habta ta' 10.00 a.m. waqt li kienet qieghda fil-bajja tar-Ramla l-Hamra li tinsab fil-limiti ta' Xaghra, Ghawdex;

1. Ikkomettiet serq ta' flus kontanti u oggetti ohrajn li valur taghhom kien jaqbez aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda ma kienx jaqbez l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c), ghad-dannu ta' Marion Ute u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputata tammenti l-akkuza kif dedotti u dan wara li l-Qorti wissietha sabiex tikkunsidra din l-ammissjoni;

Il-Qorti in vista ta' din l-ammissjoni u wara li rat l-Artikolu 261 (3) u l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9;

Wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u dana wara illi l-imputata rritornat l-oggetti misruqa illi kienu ghadhom fil-pussess taghha u kif ukoll ikkumpensat lill-vittma tal-oggetti l-ohra illi gew derubati pero' illi ma kinux ghadhom fil-pusses taghha, wara li rat ukoll il-fedina penali tal-imputata illi tinsab netta, tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti tordna li l-atti flimkien ma' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------